MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 621/2001/1

**Agatha sive Agathina Formosa Gauci**

**vs**

**Avukat Dottor Francis Lanfranco u, ghal kull interess li jista' jkollha, martu Claire Lanfranco.**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. L-attrici pprezentat citazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn talbet li dik il-Qorti tiddikjara illi t-testment sigriet maghmul minn ohtha tewmija Maria Carmela sive

Carmelina De Battista, mart Robert De Battista, u li mietet fis-6 ta’ Awissu 2000, liema testment gie ppubblikat fis-7 ta’ Dicembru 2000, sar bi frodi fuq it-testatrici u ghalhekk tiddikjarah null u bla ebda effett. B’rizerva ta’ kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI**

2. Il-konvenuti mizzewgin Lanfranco eccepew hekk:

(i) illi, in linja preliminari, ic-citazzjoni tikser disposizzjoni espressa tal-ligi minhabba nuqqas ta’ osservanza ta’ l-Artikolu 156(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(ii) illi, ukoll in linja preliminari, l-azzjoni attrici bazata fuq l-allegazzjoni minnha formulata fic-citazzjoni hija improponibbli galadarba l-istess attrici diga` accettat il-laxxitu lilha imholli bl-istess testment li qeghda tattakka;

(iii) illi, l-attrici m’ghandhiex interess guridiku tippromwovi din l-azzjoni stante illi, anke f’kaz illi din l-azzjoni jista’ jkollha ezitu favorevoli, hija mhux ser ikollha utilita` guridika billi skond it-testment _unica_ _charta_ tat-23 ta’ April 1974 ricevut min-nutar Carmelo Lia, l-istess Carmelina De Battista halliet bhala eredi universali taghha lil zewgha Robert De Battista;

(iv) illi, l-azzjoni attrici – li tikkontjeni talba ta’ natura dikjaratorja biss – hija proposta irritwalment billi l-istess attrici in sostenn ta’ talba bhal din ma tista’ qatt tivvanta xi dritt li allegatament qed jigi vjolat lilha;

(v) illi, stante li l-attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha ta’ impunjattiva tat-testment fuq ‘frodi’, allura jsegwi illi l-beneficcjarji kollha taht l-istess testment ghandhom ikunu mdahhla fil-proceduri odjerni;

(vi) illi, bla pregudizzju ghall-premess, l-attrici trid tipprova l-fatt tal-‘frodi’ li allegatament qed jinghad illi sar mill-eccipjenti fuq it-testatrici;

(vii) illi, fil-meritu, t-talba attrici mhux biss hija fondamentalment bla bazi fil-fatt u fid-dritt, izda addirittura tirrazenta hsieb malinn fuq bazi sistematika biex bil-

pubblicita` ta' simili azzjoni – hekk frivola u vessatorja – thammeg lill-eccipjenti fl-unur u fil-professjonalita` tieghu. Fic-cirkostanzi l-eccipjenti ihossu illi ghandhom jigu akkollati lill-attrici l-ispejjez doppji ta' din il-procedura.

(viii) illi, l-eccipjenti minn issa jirrizervaw kull dritt ta' azzjoni spettanti lilhom skond il-ligi;

(ix) Salvi eccezzjonijiet ohra.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

3. B'sentenza moghtija fit-28 ta' Frar 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, wara li halliet il-kawza ghas-sentenza dwar it-tieni u tielet eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti Lanfranco, iddecidiet billi, filwaqt li laqghet it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti "bhala misthoqqa u msejsa fid-dritt", iddikjarat ukoll li fl-attrici kien jonqos l-interess guridiku mehtieg biex tressaq, u tmexxi 'l quddiem il-kawza; astjeniet imbaghad milli tqis it-tieni eccezzjoni u helset lill-istess konvenuti milli jibqghu fil-kawza, bl-ispejjez kontra l-attrici.

**<u>L-APPELL TA' L-ATTRICI</u>**

4.1. L-attrici Agatha sive Agathina Formosa Gauci hassitha aggravata b'din id-decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u interponiet appell minnha. Wara li l-appellanti taghti l-verzjoni taghha tal-fatti li taw lok ghal din il-vertenza, hija ressqet is-segwenti aggravji li, in succint, kienu kif ser jinghad:

4.2. Illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' it-tielet eccezzjoni, wahda perentorja tal-gudizzju. L-azzjonabbilita` ta' l-agir tal-konvenut m'ghandux jiddependi mill-mod kif gew minsugin id-dispozizzjonijiet testamentarji mill-konsulent legali tat-testatrici a vantagg tieghu. L-azzjonabbilita` dwar l-agir tal-konvenut ghandha ssir indipendentement minn kull konsiderazzjoni ohra. Il-ligi taghna mkien ma ssemmi l-interess guridiku u l-appellanti hi determinata li ma thalliex id-dottrina legali timpediha milli tikseb rimedju xieraq mill-Qorti.

4.3. L-appellanti ma taqbilx mat-tezi li biex ikollha l-jedd li tavvanza l-azzjoni taghha trid bilfors tkun werrieta jew legatarja taht xi testment precedenti. Hija qed "tigri wara principju mhux wara l-flus". L-interess ta' l-appellanti hu wiehed "ta' natura morali", li huwa wkoll ta' natura guridika u "civilment apprezzabbli". L-appellanti ghandha d-dritt tiddefendi l-memorja ta' ohtha, dritt b'valur guridiku. L-appellanti qeghda fir-realta` tagixxi in propria difesa "ghaliex dak li sar fuq ohtha, lilha jweggaghha wkoll". L-appellanti taghmel hawn referenza ghal kazistika u ghal awturi barranin, fosthom il-Mattirolo in sostenn ta' l-aggravji taghha. Dejjem skond l-attrici appellanti, "l-ebda kuncett astratt u lanqas id-dottrina dwar l-interess guridiku mibnija fuq oggetti materjali m'ghandhom ikunu ta' xkiel". Il-Qorti taghna ghamluha cara (hekk ara <u>Emilio Persiano vs. Kummissarju tal-Pulizija</u>, Prim Awla tal-Qorti Civili, 18 ta' Jannar 2001, u <u>Falzon Sant Manduca vs Weale</u>, il-Qorti ta' l-Appell, 9 ta' Jannar 1959) li ghall-interess guridiku m'hemmx il-bzonn li dan "ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku". L-interess taghha johrog "mill-protezzjoni jew difiza kontra l-agir illegali u frawdolenti li gie perpetrat fuq ohtha mill-konvenut."

4.4. L-aggravju l-iehor hu dak li s-sentenza appellata tikkontjeni disposizzjonijiet kontra xulxin, u "disposizzjoni li mhix skond l-insenjament (sic) ta' dik il-Qorti". L-ewwel Qorti kien messha segwit "l-insenjament li jinsab fis-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti (i.e. Qorti ta' l-Appell) fil-kawza fl-ismijiet <u>Boffa vs. Mizzi</u>".

4.5. L-attrici ghalhekk talbet li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti appellati.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI APPELLATI</u>**

5.1. Il-konvenuti appellati wiegbu li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez doppji kontra l-attrici appellanti. Wara li l-appellanti jaghtu l-verzjoni taghhom dwar il-fatti li tikkontrasta sew minn dik moghtija mill-appellanti – huma jghaddu mbaghad biex jirribattu l-aggravji ta' l-appellanti.

5.2. L-appell interpost, skond l-appellati, kien intiz biss biex ikompli jingurja gravement il-persuna ta’ l-appellat Avukat Lanfranco. L-allegazzjonijiet dwar ‘frodi’ ipprattikati fuq it-testatrici huma kollha inveritjeri u qlajjiet ta’ l-attrici.

5.3. L-interess guridiku manifestat mill-attrici fil-korp tac-citazzjoni jidher li kien originarjament immotivat minn pretensjoni ta’ natura pekunjarja, u mhux ta’ semplici interess morali. L-azzjoni pero` mhix immirata fuq l-agir tal-konvenut imma biex jigi impunjat it-testment _de_ _quo_. L-attrici halliet apposta barra diversi partijiet mit-testment impunjat li jixhtu dawl iehor dwar il-laxxitu mholli mid-_decujus_.

5.4. Ma kienx minnu li l-attrici kienet qeghda tigri wara principju u mhux wara l-flus. Hija kienet pronta hadet il-legat ta’ Lm10,000 imholli lilha, li ghadu ghandha, u dan ghamlitu inkondizjonatament. Evidentement hija tippretendi aktar.

5.5. L-assenza fil-ligi (ara Artikoli 236 u 960 tal-Kap. 12) dwar enuncjazzjoni espressa ta’ x’jikkostitwixxi interess guridiku u l-htiega tieghu hija supplimentata bizzejjed kemm mid-dottrina kif ukoll mis-sens komun. Dan l-interess fl-attur kif affermat l-ewwel Qorti, htieglu jkun wiehed dirett, legittimu u attwali. Id-domanda ta’ l-attur trid twassal ghal rizultat utili ghal min jipproponiha. Il-konvenuti, bhalma ghamlet l-appellanti, jirreferu ghal xi decizjonijiet moghtijin mill-Qrati taghna in sostenn ta’ l-eccezzjonijiet taghhom.

5.6. L-appellanti qeghda tittanta tohloq linja gdida ta’ hsieb legali fis-sens li t-testatur m’ghandux ikollu l-volonta` libera li jaghmel testment skond kif jixtieq u jrid hu. L-appellanti trid tinqeda b’dan il-procediment semplicement, biex taghmel minnu kommissjoni ta’ inkjesta, haga li ma hijiex lecita, jghidu l-appellati.

## **<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

6. Kif gia` intqal <u>supra</u> id-decizjoni appellata hija wahda cirkoskritta ghat-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, li tghid hekk,
"Illi l-attrici m'ghandhiex interess guridiku tippromwovi din l-azzjoni stante illi, anke f'kaz illi din l-azzjoni jista' jkollha ezitu favorevoli, hija mhux ser ikollha utilita` guridika billi skond it-testment *<u>unica</u> <u>charta</u>* tat-23 ta' April 1974 ricevut min-nutar Carmelo Lia, l-istess Carmelina De Battista halliet bhala eredi universali taghha lil zewgha Robert De Battista".

7. Din il-Qorti tibda billi tosserva li l-aggravji ta' l-appellanti huma msejsa fuq argomenti u ragjonament li gew gia` sottomessi ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad – u li evidentement gew rigettati u kien proprju ghalhekk li gie interpost dana l-appell. Jinghad ukoll li peress li n-natura ta' l-eccezzjoni in ezami hija wahda perentorja, darba li giet milqugha kien isegwi li l-azzjoni kollha kellha tieqaf hemm bla htiega li jigi investit il-meritu.

8. Minkejja li l-meritu proprju tal-vertenza – l-allegat agir frawdolenti pprattikat mill-konvenut avukat Lanfranco fuq it-testatrici – ghadu ma giex investit, iz-zewg partijiet ma naqqsux milli jaghtu vicendevolment verzjoni ferm ikkulurita dwar il-fatti, mizghuda b'sensiela ta' rekriminazzjonijiet reciproci u li pero`, kif gia` inghad, ghadhom mhux sorretti bi provi konkreti. Madankollu, l-ewwel Qorti semghet xi xhieda relattivament ghat-tieni u tielet eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

9. L-appellanti qeghda tissottometti li l-interess guridiku taghha huwa wiehed "morali", dak li bhala l-oht tewmija tat-testatrici ma setghetx thalli mhux protetta u mharsa r-reputazzjoni tajba ta' ohtha Carmela sive Carmelina De Battista. Issostni li in konsegwenza ta' l-agir frawdolenti maghmul fuqha mill-konvenut appellat, ohtha ghamlet testment li jhassar il-memorja tajba taghha, u l-azzjoni in ezami ma hijiex, u ma tistax, tigi merament evalwata u meqjusa fuq konsiderazzjonijiet pekunjarji ghal fini ta' interess guridiku. Jekk hemm dottrina legali li tillimita jew tekwipara l-interess guridiku f'termini ta' gwadann

materjali biss, allura din id-dottrina hija zbaljata u jinhtegilha tinbidel.

10. Il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata fid-dawl tas-sottomissjonijiet kopjuzi li sarulha da parti tal-kontendenti, u hija tal-fehma li dak li gie sostnut u finalment deciz fiha huwa gust u korrett, u din il-Qorti tikkondividi pjenament dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti u dan ghar-ragunijiet li ser jinghataw.

Huwa minnu, u l-partijiet jaqblu dwar dan il-punt, li l-ligi taghna tezigi li min jipproponi azzjoni gudizzjarja jrid ikollu interess guridiku, l-ghaliex altrimenti jkun ifisser li kull min ikun irid jivvessa lil xi hadd inutilment ikollu l-opportunita` shiha li jaghmel dan billi joqghod "jiqqortja" mieghu fuq kwalsiasi protest li jkun, imqar jekk il-materja lanqas biss ma tkun tikkoncerna lilu. Il-Qorti tinnota li qabel ma l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha dwar in-nuqqas ta' interess guridiku da parti ta' l-attrici, hija ezaminat b'mod mill-aktar approfondit il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, kif ukoll id-dottrina legali in materja. Mid-diversi decizjonijiet imsemmijin fis-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad jemergu kjarament, is-segwenti principji li ghandhom, fil-fehma anki ta' din il-Qorti, iservu ta' gwida li fuqhom ghandha timxi Qorti biex tirrizolvi vertenza ta' din ix-xorta. Dawn il-principji huma s-segwenti:
(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali.

(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;

(iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmulha kontriha.

(iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-

azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi.

(v) l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza;

(vi) l-interess ta' l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat;

(vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista' jippromuovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' accertament. Madankollu, f'kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista' ssir aktar 'l quddiem;

(viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, imma jista' jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku.

(ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda illegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda acta ad aemulationem – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg.

11. Dwar l-aspetti fattwali tal-vertenza, jirrizulta mill-atti li hemm fatti li jemergu b'mod naturali jew mit-testment innifsu jew minn atti ohrajn li sehhew fir-realta`, filwaqt li hemm "fatti" ohrajn li fin-nuqqas ta' provi konkreti ghadhom biss mera ipotesi. Hekk jirrizulta li l-fatt dwar "agir frawdolenti da parti ta' l-appellat konvenut" addebitat kontrih mill-attrici ghadu mhux biss wiehed mhux ippruvat

imma mera allegazzjoni. L-attrici tipprova pero` tiddezumieh anki mill-kontenut tat-testment impunjat u l-att tac-citazzjoni fih innifsu jikkontjeni diversi allegazzjonijiet mirati proprju biex dan l-element ta' fraus johrog fil-berah, imma l-appellanti stess tirrikonoxxi li biex hija tirnexxi jinhtigilha tghaddi ghal aktar provi konkreti. Biex dan isir izda nergghu nigu ghall-ostakolu sollevat mill-parti konvenuta dwar nuqqas ta' interess guridiku dirett, legittimu u attwali fil-persuna ta' l-attrici.

12. Bhala fatt m'huwiex ikkontestat li t-testatrici, oht tewmija ta' l-appellanti, kienet mizzewga lil Robert De Battista, minn liema zwieg ma kienx hemm ulied. Qabel ma sar it-testment sigriet impunjat (li nkiteb fit-13 ta' Marzu 1995), il-wirt tat-testatrici kien regolat b'testment *unica charta* fl-atti tan-nutar Carmelo Lia tat-23 ta' April 1974. Bl-ewwel klawsola ta' dan it-testment notarili, it-testaturi kienu hassru kull disposizzjoni testamentarja precedenti li huma qatt setghu ghamlu. Maria Carmela De Battista mietet fis-6 ta' Awissu 2000, filwaqt li zewgha ghadu haj. Hu pacifiku wkoll li, filwaqt li fit-testment *unica charta* t-testaturi mizzewgin De Battista kienu hallew lis-superstiti fosthom bhala werriet universali ta' kulma kellha l-parti premorjenti, fit-testment sigriet mertu ta' din il-kawza, it-testatrici kienet hassret kull disposizzjoni testamentarja li kienet ghamlet qabel, u halliet lil zewgha bhala legatarju. F'dan it-testment sigriet invece, hija halliet ukoll lil ohtha l-attrici bhala legatarja, filwaqt li halliet lill-appellata Claire Lanfranco bhal ko-legatarja wkoll, u lill-konvenut appellat avukat Lanfranco bhala werriet universali taghha. L-appellati, fir-risposta taghhom ghall-appell, isemmu wkoll li minbarra dak li jissemma mill-kontroparti fl-att tac-citazzjoni u fir-rikors ta' appell, kif ukoll fis-sentenza appellata, tajjeb li jissemma' wkoll li kien hemm legat ta' proprjeta` immobiljari iehor sostanzjali imholli lill-Arcisqof in rapprezentanza tal-Knisja, u diversi legati ohrajn imhollija lill-monasteri u socjetajiet filantropici. Jirrizulta, fl-ahharnett li l-legat konsistenti fis-somma ta' Lm10,000 imholli lill-appellanti, gie debitament ippercepit minnha.

13. Kif ghamlet quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, l-attrici appellanti sahqet principalment fuq l-argument li interess morali hu bizzejjed ghal fini ta' l-azzjoni biex jirradika d-dritt ta' azzjoni favuriha. Apparti minn kull konsiderazzjoni ohra ta' gwadann ta' natura pekunjarja jew materjali, hi tikkontendi li l-interess taghha li thares u zzomm integru l-memorja u r-reputazzjoni tajba ta' ohtha, hu fih innifsu interess guridiku tajjeb bizzejjed biex hija tista' tkompli bl-azzjoni li hadet kontra l-konvenuti.

Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, hasbet fit-tul dwar dak li gie abilment – imqar jekk dan sar b'insistenza xi minn daqqiet ripetuta *ad nauseam* – sottomess mill-parti appellanti, pero` madankollu xorta wahda ma jidhrilhiex li l-ewwel aggravju huwa wiehed fondat. Kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti mhux kull interess jista' jissarraf fi dritt ta' azzjoni. Fi kliem iehor, mhux bizzejjed ghall-appellanti li tghid u tinsisti li d-dritt taghha jemani mid-dritt taghha li tiddefendi l-memorja ta' ohtha. Dan ghaliex, kif tajjeb kiteb fit-tezi tieghu Joseph Said Pullicino (wara Prim Imhallef ta' dawn il-Qrati), intitolata proprju The Civil Action with Special Reference to the Element of Interest (Universita` Rjali ta' Malta, 1961, pag. 30),
"...not every interest is sufficient to ground a right, and further, not every interest which is sufficient to ground a right, is considered to be sufficient for the creation of a legal right."

14. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, ma tistax taghlaq ghajnejha ghal certi konsiderazzjonijiet, pjuttost ovvji, li jimmilitaw sew kontra t-tezi attrici. Li kieku kellu jigi impunjat it-testment sigriet *de quo*, il-beneficjarju ewlieni in bazi tat-testment notarili maghmul precedentement ma kenitx tkun l-attrici imma zewg it-testatrici, jigifieri Robert De Battista. Issa, minkejja dak li qeghda tallega l-attrici, l-imsemmi Robert De Battista fil-fatt m'huwiex u ma jridx jimpunja t-testment sigriet. Kjarament ghalhekk jidher mhux biss li l-attrici ma kenitx parti beneficcjarja fit-testment *unica charta* maghmul antecedentement mill-mizzewgin De Battista, imma l-parti li suppost sejra tibbenefika b'tali impunjazzjoni (jigifieri Robert De

Battista), m'hijiex tikkondividi il-hsieb ta' l-attrici. U kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti,
"....il-premura ta' l-attrici ghat-telf ta' beneficcju li garrab zewg it-testatrici bit-testment sigriet, ghalkemm mimlija b'sens ta' altruwizmu, ma jista' qatt ikun il-bazi ta' l-interess li jinhtegilha li turi li hi ghandha biex tibda u tissokta l-kawza."

15. L-appellanti ghadha sa dan l-istadju ta' appell tinsisti fid-dritt taghha li tmexxi 'l quddiem din il-kawza a bazi ta' interess purament morali konsistenti fil-harsien tal-memorja ta' ohtha. Issa apparti l-fatt li hawn ukoll l-attrici ma jidher li ddejqet xejn milli tippercepixxi l-legat imholli lilha fis-somma ta' ghaxart elef liri maltin (Lm10,000), jibqa' xorta wahda l-argument li f'kaz ta' ezitu favorevoli l-beneficcju li jista' attwalment jinkiseb bl-impunjazzjoni tat-testment sigriet ma jmurx biex iwweggah la lill-attrici u anqas lil ohtha. Dan ukoll ghaliex kull operat u agir tal-konvenuti, dak reali jew dak allegat, ma kien qatt mirat jew dirett, kif intqal fis-sentenza appellata, "biex inaqqsu mill-gieh jew mill-fama taghha" (i.e. ta' l-attrici). Fi kliem iehor, l-attrici hija ghal kollox estraneja minn kwalsiasi operat tal-konvenuti. L-azzjoni taghha, u dan hu punt importanti, ghandha l-ghan specifiku li jigi impunjat it-testment sigriet maghmul mit-testatrici Carmelina De Battista u mhux li tigi mharsa l-memorja taghha cioe` ta' din Carmelina. L-appellanti tipprova anke tissormonta l-ostakolu mahluq mill-fatt li wara kollox hija gia` ghaddiet biex tirrikonoxxi l-validita` tat-testment impunjat billi hadet il-legat imholli lilha, u dan billi *en passant*, tissottometti li "hija qed tigri wara principju mhux wara l-flus". Dak li jirrendi improponibbli l-azzjoni attrici gej proprju mill-konsiderazzjonijiet dwar in-natura u il-htiega ta' interess guridiku kif fuq espressi li jrid ikun wiehed dirett, legittimu u attwali. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti l-azzjoni ta' l-attrici ma tistax tinkwadra ruhha fil-parametri ta' dan ix-xorta ta' interess guridiku.

**DWAR IN-NOTA TA' OSSERVAZZJONIJIET ULTERJURI TA' L-APPELLANTI**

16. Fil-mori ta' dan l-appell, l-attrici appellanti pprezentat nota ta' osservazzjonijiet ulterjuri fit-8 ta' Mejju 2003

segwita b'kopja ezatta taghha, pero` bil-visto tal-kontroparti appellata, fit-12 ta' Mejju 2003. F'din in-nota ulterjuri, filwaqt li l-appellanti terga' taghmel riferenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet li hija kienet ipprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, kif ukoll ghar-rikors ta' appell, hija ghaddiet imbaghad biex taghmel xi sottomissjonijiet ulterjuri a bazi ta' l-Artikoli 605, 610, 684 u 685 tal-Kodici Civili (Kap 16) b'riferenza ghall-kwistjoni ta' l-interess guridiku. Il-kontroparti appellata wiegbet debitament ghal din in-nota permezz ta' nota responsiva in data tas-26 ta' Mejju 2003 fejn irribattiet l-argomenti espressivi fin-nota ta' l-attrici.

17. Din il-Qorti wara li hadet kont ta' din in-nota ta' l-appellanti, bilfors ikollha tesprimi l-perplessita` taghha ghall-mod kif issa, l-attrici donnha tipprova targina l-kawza originali taghha f'parametri kemmxejn differenti minn kif sottomess quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad.

Huwa minnu li l-ewwel Qorti, u sa certu punt din il-Qorti wkoll, investit ukoll il-punt ipotetiku dwar x'jigri, minn punto di vista legali kemm-il darba t-testment sigriet *de quo agitur* kellu jigi impunjat. U f'dan is-sens ghalhekk kien ammissibbli ghall-attrici li tavanza l-argomenti taghha taht dan l-aspett. Izda f'daqqa wahda issa jidher li l-appellanti m'hijiex tippretendi aktar li t-testment sigriet *de quo* jigi impunjat – ara t-talba taghha fl-att tac-citazzjoni – imma qeghda minflok issostni li
"Jekk il-qerq jigi ppruvat, il-bqija tad-disposizzjonijiet fit-testment sigriet (hlief l-Artikoli 6 u 7) jibqghu validi, u jibqa' validu wkoll dan il-legat ta' Lm10,000 favur l-esponenti."

Fil-fehma tal-Qorti, din is-sottomissjoni qeghda timplika limitazzjoni fuq it-talba kif dedotta fl-att tac-citazzjoni u din il-Qorti ma tistax taccettaha. Mhux hekk biss imma jidher li l-attrici tippretendi wkoll li darba li hija tibqa' intitolata li tippercepixxi validament is-sehem taghha, nonostante li t-testment sigriet suppost kellu jigi ddikjarat null (fl-intier tieghu), dan allura jgib il-konsegwenza u jfisser ukoll li l-interess guridiku taghha (ara n-nota ta' l-attrici paragrafu penultimu)

"huwa mhux biss <u>interess</u> <u>morali</u> (biex jigi impunjat il-qerq li sar fuq ohtha) izda wkoll <u>interess</u> <u>patrimonjali</u>, kif jidher car minn ezami ta' l-artikoli 605, 684 u 685 tal-Kodici Civili".

18. Din il-Qorti ma tasalx biex tihem kif <u>issa</u>, u dan wara li l-appellanti tant sahqet fuq l-interess morali taghha u kemm lilha l-flus ma jinteressawhiex, l-attrici dehrilha opportun li tinkwadra l-interess guridiku taghha wkoll taht id-dimensjoni ta' interess patrimonjali. Fil-fehma tal-Qorti, din id-dimensjoni tal-kawza min-naha ta' l-attrici saret bl-iskop li f'kaz li l-argumenti taghha dwar l-interess guridiku <u>morali</u> ma jigux kondivizi (kif fil-fatt ma gewx), allura jkollha front iehor addizzjonali fuqhiex issejjes il-kawza taghha. Isservi wkoll biex l-attrici tizgura li jkun xi jkun l-ezitu tal-kawza, il-legat imholli lilha fis-somma ta' Lm10,000 jibqa' bla mittiefes. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha taghti aditu ghal dawn is-sottomissjonijiet ulterjuri da parti ta' l-attrici li jippruvaw jiehdu l-kawza lil hinn mit-talba kif originarjament proposta.

19. Fl-ahharnett, u dejjem dwar il-kwistjoni ta' l-interess guridiku, din il-Qorti terga' ttenni l-punt li hawn non si tratta ta' kawza dwar malafama imma kawza ghal impunjazzjoni ta' testment sigriet. Bhala qariba tat-testatrici, l-attrici ghandha kwalsiasi dritt li ma taqbilx ma' dak li ddisponiet ohtha ghal wara mewtha dwar hwejjigha. Ghandha wkoll kull dritt li thossha urtata bil-laxxiti mhollija, imma dan kollu <u>per</u> <u>se`</u> ma jammontax ghal dak l-interess guridiku attwali kif fuq spjegat fil-korp ta' din is-sentenza. Dan apparti l-kunsiderazzjoni min-naha l-ohra li kull persuna sana hija libera li tiddisponi minn hwejjigha kif tixtieq hi u mhux kif ikun jixtieq haddiehor, imqar jekk din tkun tigi ohtha. Isegwi kwindi li dak li gie deciz mill-ewwel Qorti kien sostanzjalment gust u korrett u li dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi respint.

20. Fl-ahharnett, l-attrici appellanti tissottometti wkoll bhala aggravju li, skond hi, is-sentenza appellata "ghandha disposizzjonijiet kontra xulxin u dispozizzjoni li mhix skond l-insenjament ta' din l-Onorabbli Qorti".

Din il-Qorti, wara li hadet kont tas-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar dana l-aggravju, u fliet is-sentenza f'dan il-kuntest, ma jidhrilhiex li dan l-aggravju hu wiehed fondat. Anzi fil-fehma taghha huwa aggravju fieragh. F'materja ta' disposizzjonijiet kontradittorji fis-sentenza, il-Qrati taghna dejjem affermaw li tali kontradizzjoni trid timmanifesta ruhha fil-parti dispositiva.

Fil-kaz in ezami hemm talba unika, u s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija cara u inekwivoka. Minbarra dan, minn qari tas-sentenza, din il-Qorti ma sabet xejn kontradittorju fiha. Fl-ahharnett, l-ewwel Qorti, bhal kull Qorti ohra fis-sistema guridiku taghna, m'hijiex marbuta ma' sentenzi anterjuri u antecedenti billi l-prassi maghrufa bhala "stare decisis" li fuqha jimxu xi sistemi guridici ohrajn ma tapplikax ghalina. Ghalhekk isegwi li anke dan l-ahhar aggravju huwa infondat u qieghed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-attrici appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontriha, minghajr pero` ma takkolji t-talba ta' spejjez doppji avanzata mill-konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------